



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2011/0368(COD)

27.6.2012

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji
(COM(2011)0753 – C7-0445/2011 – 2011/0368(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Salvatore Iacolino

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	24

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji

(COM(2011)0753 – C7-0445/2011 – 2011/0368(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0753),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 82(1), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 87(2) tat-Trattat FUE, skont liema artikoli l-Kummissjoni preżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0445/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat FUE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li ikkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell

(1) L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell

għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll permezz ta' miżuri għal *koordinazzjoni* u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

għoli ta' sigurtà fi spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (Artikolu 67 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni) għandu jinkiseb, inter alia, permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll permezz ta' miżuri għal *koordinament* u kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, ***awtoritajiet nazzjonali oħrajn*** u ***l-entitajiet kompetenti tal-Unjoni*** u ma' pajjiżi terzi rilevanti ***u l-organizzazzjonijiet internazzjonali***.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-kriminalità tikkostitwixxi theddida ta' natura transnazzjonali, għalhekk huwa awspikabbli aktar koordinament mhux biss bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri iżda wkoll mal-entitajiet kompetenti tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif ukoll l-iffukar b'saħħtu fuq il-perspettiva globali u l-konnessjoni ***inestrikabbli*** mas-sigurtà esterna għandhom ikunu l-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna.

Emenda

(4) Is-solidarjetà fost l-Istati Membri, iċ-ċarezza dwar id-diviżjoni tal-kompiti, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif ukoll l-iffukar b'saħħtu fuq il-perspettiva globali u l-konnessjoni ***u l-koerenza neċessarja*** mas-sigurtà esterna għandhom ikunu l-prinċipji ewlenin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-koerenza tal-azzjonijiet tal-UE fil-qasam tas-sigurtà interna u esterna diġà tfakkret mill-Parlament Ewropew fir-rapport dwar l-Istrateġija tas-Sigurtà Interna.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Ir-reati transkonfinali, bħat-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament tal-immigrazzjoni illegali min-naħa tal-organizzazzjonijiet kriminali, jistgħu jkunu ttrattati b'mod effikaċi permezz tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-infiltrazzjoni tal-kriminalità fl-ekonomija leċita tirrappreżenta kawża ta' distorsjoni tas-suq intern.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-ġlieda effikaċi kontra l-kriminalità organizzata tirrappreżenta strument essenzjali għad-difiża tal-ekonomija leċita minn fenomeni kriminali tipiċi bħal-laundring minn rikavati illeċiti.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-infiltrazzjoni tal-kriminalità fl-ekonomija leċita tirrappreżenta kawża ta' distorsjoni tas-suq intern.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8b) Fi żminijiet ta' awsterità finanzjarja għall-politiki tal-Unjoni, jeħtieġ li d-diffikultajiet ekonomiċi jingħelbu bi flessibilità mġedda, miżuri organizzattivi innovattivi, użu aħjar tal-istrutturi eżistenti u koordinament bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali mal-pajjiżi terzi.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-kriżi ekonomika timponi risposti flessibbli u innovattivi li jippermettu l-ġlieda, bl-istess effikaċja, kontra l-kriminalità organizzata.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Ir-riżorsi allokatil lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom għandhom jitqassmu abbażi ta' kriterji ċari u oġġettivi marbuta *mal-ġid pubbliku li għandu jiġi protett* mill-Istati Membri u l-livell tal-kapaċità finanzjarja tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna, bħaddaqs tal-popolazzjoni tagħhom, id-daqs territorjali tagħhom, in-numru ta' passiġġieri u merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali u dawk tal-baħar, ***in-numru ta' infrastruttura kritika Ewropea u l-prodott gross domestiku*** tagħhom.

(14) Ir-riżorsi allokatil lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom għandhom jitqassmu abbażi ta' kriterji ċari u oġġettivi marbuta *mal-beni pubbliċi li għandhom jiġu protetti* mill-Istati Membri u l-livell tal-kapaċità finanzjarja tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna, bħaddaqs tal-popolazzjoni tagħhom, id-daqs territorjali tagħhom ***u tal-fruntieri esterni tal-Istat Membru***, in-numru ta' passiġġieri u merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali u dawk tal-baħar u *l-prodott domestiku gross* tagħhom.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-modifiki huma koerenti ma' dak li huwa propost mill-Art. 10 mir-Rapporteur.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-limitu massimu **għal riżorsi li jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għandu jkun ugwali għar-riżorsi allokat** lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom. **Dan se jiżgura li l-Unjoni** hija kapaċi tappoġġja f'sena baġitarja partikolari, azzjonijiet li huma ta' interess partikolari għall-Unjoni, bħal studji, ittestjar u validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, proġetti transnazzjonali, netwerking u skambju tal-aħjar prattiċi, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom. L-azzjonijiet appoġġjati għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, il-programmi, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid rilevanti tal-Unjoni.

Emenda

(16) Il-limitu massimu **tar-riżorsi assenjati** lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom **għandhom ikunu ogħla mir-riżorsi għad-dispożizzjoni għall-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Jeħtieġ, għal dan il-għan, li tiġi żgurata aktar kapaċità ta' użu tal-fondi għad-dispożizzjoni permezz ta' taħriġ aħjar għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Madankollu, riżorsi adegwati għad-dispożizzjoni tal-Unjoni għandhom ikunu garantiti biex jiġi żgurati** li hija **tkun** kapaċi tappoġġja f'sena baġitarja partikolari, azzjonijiet li huma ta' interess partikolari għall-Unjoni, bħal studji, ittestjar u validazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, proġetti transnazzjonali, netwerking u skambju tal-aħjar prattiċi, monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni u l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni b'rabta ma' pajjiżi terzi u fihom. L-azzjonijiet appoġġjati għandhom ikunu konformi mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġiji, il-programmi, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjonijiet tar-riskji u t-theddid rilevanti tal-Unjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-modifiki huma koerenti ma' dak li huwa propost mill-Art. 5 mir-Rapporteur.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqa' fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward tal-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen.

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma jirrappreżentax żvilupp tal-acquis ta' Schengen.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-

imħassar

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE dwar
il-konklużjoni, f'isem il-Komunità
Ewropea, tal-Ftehim.*

Or. it

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma jirrappreżentax żvilupp tal-acquis ta' Schengen.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 25**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropa, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punt H tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll.

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma jirrappreżentax żvilupp tal-acquis ta' Schengen.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) 'kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat **ta' tlieta jew aktar persuni, li jeżisti** għal perjodu ta' żmien **u jaġixxi** flimkien sabiex **jikseb**, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.

Emenda

(d) '*reat ta'* kriminalità organizzata' tfisser imġiba kastigabbli mwettqa minn grupp strutturat, **eżistenti** għal perjodu ta' żmien, **kompost minn aktar minn żewġ persuni li jaġixxu** flimkien sabiex **jiksbu, bl-eżerċizzju tal-funzjoni funzione intimidatorja**, direttament jew indirettament, benefiċċju finanzjarju jew ieħor materjali.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni l-ġdida proposta mir-Rapporteur tqis id-definizzjonijiet preċedentement elaborati f'ambitu Ewropew (Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata) u internazzjonali (Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, riżsoluzzjoni 55/2000).

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) 'ġestjoni ta' konsegwenzi' tfisser *il-koordinazzjoni effettiva* **ta' miżuri** meħuda sabiex ikun hemm intervent u għat-tnaqqis tal-impatt tal-effetti ta' attakk terroristiku jew kwalunkwe inċident ieħor marbut mas-sigurtà **sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva ta' azzjonijiet fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE.**

Emenda

(h) 'ġestjoni ta' konsegwenzi' tfisser *il-koordinament effettiv tal-azzjonijiet* meħuda **fuq livell nazzjonali u/jew tal-Unjoni** sabiex ikun hemm intervent u għat-tnaqqis tal-impatt tal-effetti ta' attakk terroristiku jew kwalunkwe inċident ieħor marbut mas-sigurtà.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-riformulazzjoni proposta sservi biex it-test isir aktar komprensibbli.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) 'infrastruttura kritika' *tfisser kwalunkwe riżorsi fiżiċi, servizzi, faċilitajiet ta' teknoloġija tal-informatika, netwerks u assi ta' infrastruttura li, jekk imfixkla jew meqruda, ikollhom impatt serju fuq funzjonijiet kritiċi tas-soċjetà, inklużi l-katina tal-provvista, is-saħħa, is-sigurtà, il-benessri ekonomiku jew soċjali tan-nies jew tal-funzjonament tal-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.*

Emenda

(i) 'infrastruttura kritika' *tfisser assi, sistema, jew parti minnhom, li jinsabu fl-Istati Membri u essenzjali għall-manteniment ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sigurtà, is-sikurezza, il-benesseri ekonomiku jew soċjali taċ-ċittadini u li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollu impatt sinifikanti fi Stat Membru jew fl-Unjoni bħala riżultat tal-falliment biex jinżammu daww il-funzjonijiet.*

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-riformulazzjoni proposta tqis id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni tal-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-prevenzjoni u l-għieda kontra *l-kriminalità* transkonfinali *serja* u *organizzata, inkluż it-terroriżmu*, u t-tiħiħ *tal-koordinazzjoni* u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi rilevanti.

Emenda

(a) il-prevenzjoni *tal-kriminalità* u l-għieda kontra *r-reati* transkonfinali, *serji* u *organizzati, inklużi t-terroriżmu u l-laundring minn rikavati ta' attivitajiet kriminali*, u t-tiħiħ *tal-koordinament* u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, l-entitajiet kompetenti tal-Unjoni u ma' pajjiżi terzi rilevanti *u l-organizzazzjonijiet*

internazzjonali.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-ipoteżi hija diġà koperta mid-Direttiva 2005/60 (Art. 1) dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Aktar koordinament huwa meħtieġ mhux biss bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri iżda wkoll mal-entitajiet kompetenti tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali-konġunti u n-numru ta' dokumenti dwar l-aħjar prattika u avvenimenti organizzati. ***imħassar***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur ippropona emenda speċifika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi tal-kisba tal-objettivi.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha titkejjel kontra indikaturi bħal, fost l-oħrajn, in-numru ta' għodod fis-seħħ u/jew aġġornati ulterjorment sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika permezz tal-Istati Membri fis-setturi kollha tal-ekonomija u n-numru ta' valutazzjonijiet tat-theddid u tar-riskju ***imħassar***

prodotti fil-livell tal-Unjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur ippropona emenda speċifika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi tal-kisba tal-objettivi.

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Sabiex jikseb dawn l-għanijiet, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet *operazzjonali* li ġejjin **billi jipromwovi u jiżviluppa**:

3. Sabiex jikseb dawn l-għanijiet, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet *operattivi* li ġejjin:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-modifika hija koerenti mal-emendi l-oħrajn li saru mir-Rapporteur fl-Art. 3, par. 3.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw u jiġġieldu ***l-kriminalità*** transkonfinali, *serja* u *organizzata* li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi, aċċess *għad-dejta*, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli, kriminoloġija applikata, komunikazzjoni

(a) ***il-promozzjoni u l-iżvilupp ta'*** miżuri (metodoloġiji, għodod, strutturi) li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri biex jevitaw ***il-kriminalità*** u jiġġieldu *r-reati* transkonfinali, *serji* u *organizzati* li tinkludi t-terroriżmu, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, l-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiċi, aċċess *għad-data*, teknoloġiji interoperabbli, statistika komparabbli,

pubblika u żieda ta' għarfien.

kriminoloġija applikata, komunikazzjoni
pubblika u żieda ta' għarfien.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-riformulazzjoni proposta sservi biex it-test isir aktar komprensibbli.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *koordinazzjoni amministrattiva u operazzjonali*, kooperazzjoni, ftehim reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, awtoritajiet nazzjonali oħra, entitajiet tal-Unjoni rilevanti u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi.

Emenda

(b) ***il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' koordinament amministrattiv u operattiv***, kooperazzjoni, ftehim reċiproku u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, awtoritajiet nazzjonali oħra, entitajiet tal-Unjoni rilevanti u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi ***u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-modifika hija koerenti mal-emenda li saret mir-Rapporteur fil-premessa 1.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) skemi ta' taħriġ fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħriġ Ewropej, inkluż permezz ta' programmi tal-Unjoni speċifiċi ta' skambju tal-infurzar tal-liġi, sabiex titrawwem kultura Ewropea ġenwina ġudizzjarja u tal-infurzar tal-liġi.

Emenda

(c) ***il-promozzjoni u l-iżvilupp ta'*** skemi ta' taħriġ fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' taħriġ Ewropej, inkluż permezz ta' programmi tal-Unjoni speċifiċi ta' skambju tal-infurzar tal-liġi, sabiex titrawwem kultura Ewropea ġenwina ġudizzjarja u tal-

infurzar tal-liġi.

(Il-modifika tapplika wkoll għall-punti minn (d) sa (g); l-approvazzjoni tal-emenda timplika adegwamenti tekniċi ftali punti.)

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-riformulazzjoni proposta sservi biex it-test isir aktar komprensibbli.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Indikaturi

***Il-kisba tal-indikaturi tal-obiettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3 għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' indikaturi tar-
rendiment definiti minn qabel, trasparenti u kwantifikabbli, b'mod partikolari bħal:***

(a) in-numru ta' operazzjonijiet transkonfinali konġunti;

(b) in-numru u l-perċentwal ta' persunal tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 87 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li pparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ, skambji ta' persunal, żjarat ta' studju, konferenzi u seminars ifffinanzjati mill-programm;

(c) in-numru ta' kodiċijiet ta' prattiki tajba elaborati u ta' avvenimenti organizzati;

(d) in-numru ta' strumenti introdotti u/jew imsaħħa biex jiffaċilitaw il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika min-naħa tal-Istati Membri fis-setturi ekonomiċi kollha

u n-numru ta' valutazzjonijiet tar-riskji u tat-theddid li jkunu saru fil-livell tal-Unjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur ippropona emenda speċifika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi tal-kisba tal-oġġettivi.

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw ***b'mod indikattiv*** kif ġej:

5. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej:

- (a) ***EUR 564 miljun*** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;
- (b) ***EUR 564 miljun*** għal azzjonijiet tal-Unjoni, l-għajjnuna ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

- (a) **60 %** għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;
- (b) **40 %** għall-azzjonijiet tal-Unjoni, l-għajjnuna ta' emerġenza u l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika t-tqassim tar-riżorsi minn 50 % għal 60 % għall-programmi nazzjonali u minn 50 % għal 40 % għall-azzjonijiet tal-Unjoni għax jawspika involviment akbar tal-Istati Membri kollha li, iżda, irid jikkorrispondi għal kapaċità aqwa ta' użu tar-riżorsi disponibbli minnhom stess.

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen għandhom jipparteċipaw fl-Istrument

imħassar

skont dan ir-Regolament.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma jirrappreżentax żvilupp tal-acquis ta' Schengen.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. Għandhom jiġu konklużi arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi lill-Istrument u r-regoli supplimentari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħa tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawn il-pajjiżi għandha tiżdied mar-riżorsi globali disponibbli mill-baġit tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1.

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma jirrappreżentax żvilupp tal-acquis ta' Schengen.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. EUR 564 miljun għandhom jiġu allokatu għall-Istati Membri b'mod indikattiv kif ġej:

1. Ir-riżorsi allokatu għall-programmi nazzjonali jitqassmu b'dan il-mod:

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur, billi mmodifika l-perċentwali ddestinati għall-programmi nazzjonali (Art. 5 par. 5) immodifika koerentement il-parti introdutturja tal-Art. 10.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **30%** fi proporzjon tad-daqs tal-popolazzjoni totali tagħhom;

Emenda

(a) **35 %** fi proporzjon tad-daqs tal-popolazzjoni totali tagħhom;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-fattur demografiku huwa element rilevanti għal dan il-għan.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) 5 % fi proporzjon tal-fruntieri esterni tal-Istat Membri (terrestri u marittimi);

Emenda

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-fattur tal-fruntieri esterni ġestiti mill-Istati Membri huwa element rilevanti għal dan il-għan.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **10 %** fi proporzjon għan-numru ta' passiġġieri u t-tunnellati ta' merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali l-portijiet tagħhom;

Emenda

(c) **20 %** fi proporzjon għan-numru ta' passiġġieri u t-tunnellati ta' merkanzija li jgħaddi mill-ajruporti internazzjonali l-portijiet tagħhom;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-volum ta' traffiku bl-ajru u marittimu ta' persuni u merkanzija trid tinfluwenza aktar it-tqassim imsemmi.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **10% fi proporzjon għan-numru ta' Infrastruttura Kritika Ewropea ddeżinjata skont id-Direttiva 2008/114/KE;**

Emenda

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-kriterji tal-infrastruttura kritika ma tridx tinfluwenza t-tqassim imsemmi.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) **40 %** fi proporzjon invers *għall-Prodott Gross Domestiku* tiegħu (standard tas-setgħa tax-xiri għal kull abitant).

Emenda

(e) **30 %** fi proporzjon invers *għall-Prodott Domestiku Gross* tiegħu (standard tas-setgħa tax-xiri għal kull abitant).

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jimmodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-perċentwal previst mill-Kummissjoni huwa għoli wisq.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. *Il-figuri* ta' referenza *għad-dejta* msemija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu l-aħħar statistika prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat), abbażi *tad-dejta* provduta mill-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, ***kif ukoll dejta provduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/114/KE***. Id-data ta' referenza hija t-30 ta' Ġunju 2013.

Emenda

2. *Iċ-ċifri* ta' referenza *għad-data* msemija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu l-aħħar statistika prodotta mill-Kummissjoni (Eurostat), abbażi *tad-data* provduta mill-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni. Id-data ta' referenza hija t-30 ta' Ġunju 2013.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-modifiki li saru lill-Art. 10(2) huma koerenti mal-proposti li saru fl-Art. 10(1).

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2. Fejn issir referenza għal dan il-
paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5
tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

*Ma hemm l-ebda referenza għall-Art. 12(2) fil-bqija tat-termini ta' promulgazzjoni tat-test
feżami.*

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kriminalità, u b'mod partikolari l-kriminalità organizzata, tirrappreżenta theddida gravi għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u għall-iżvilupp tas-suq intern. Il-kooperazzjoni tal-pulizija bejn l-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi hija, għalhekk, strument indispensabbli għall-ġlieda effikaċi kontra l-fenomeni kriminali li llum hađu bixra prevalentement transnazzjonali. Il-ġlieda kontra reati tipiċi tal-kriminalità organizzata, inkluż il-laundring ta' rikavat illeċitu, twieġeb għall-eżiġenzi ta' ħarsien tal-ekonomija leċita u ta' protezzjoni tas-suq minn alterazzjonijiet possibbli.

L-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet jikkostitwixxi, flimkien mal-istrumenti għall-Asil, wieħed miż-żewġ pilastri tal-Fond għas-Sigurtà Interna fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali tal-Unjoni Ewropea 2014-2020.

L-istrument feżami jintegra l-fondi ISEC (prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità) u CIPS (prevenzjoni, stat ta' thejjiġa u maniġġar tal-konsegwenzi tat-terroriżmu) previsti fil-programmazzjoni 2007-2013, li ġeneralment ma ntużawx biżżejjed mill-Istati Membri.

L-oġġettivi speċifiċi identifikati mill-Kummissjoni (prevenzjoni u ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, tishiġ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, ġestjoni tas-sigurtà u tal-kriżijiet, protezzjoni tal-popolazzjoni u tal-infrastruttura kritika) issarrfu f'oġġettivi operattivi permezz tal-promozzjoni u l-iżvilupp ta' metodoloġiji, strumenti u strutturi għat-tishiġ u l-koordinament amministrattiv u operattiv.

Għal dan il-għan ġew identifikati mill-Kummissjoni azzjonijiet eliġibbli (bħal pereżempju l-iskambju ta' informazzjoni, it-taħriġ, l-akkwist ta' tagħmir tekniku, l-akkwiżizzjoni ta' teknoloġiji ġodda) f'kuntest ta' ġestjoni komuni tar-riżorsi min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri.

B'mod partikolari, rigward it-tqassim tar-riżorsi disponibbli, ir-Rapporteur immodifika l-previżjoni oriġinali tal-Kummissjoni favur il-programmi nazzjonali (minn 50 % għal 60 % tat-total) meta mqabbel mal-azzjonijiet tal-Unjoni, bl-awspiċju ta' involviment akbar tal-Istati Membri kollha li, fl-istess ħin, irid jikkorrispondi għal titjib tal-kapaċità ta' użu min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali tar-riżorsi għad-dispożizzjoni.

Ir-Rapporteur qies bħala importanti l-intervent fuq id-definizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, billi uża l-leġiżlazzjoni Ewropea u internazzjonali fil-qasam tal-kriminalità organizzata.

B'riferiment għall-indikaturi tal-kisba tal-oġġettivi, ġiet deċiża l-elaborazzjoni ta' artikolu speċifiku li jiddefinixxi b'mod aktar dettaljat l-elementi utli għall-valutazzjoni.

Il-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni ma tidhirx koerenti skont ir-Rapporteur ma' żviluppi possibbli tal-acquis ta' Schengen u għalhekk ippreveda t-tħassir tar-riferimenti relatati.

Ir-Rapporteur immodifika l-kriterji ta' tqassim tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-programmi nazzjonali għax iqis li l-kriterju demografiku u dak territorjali, kif ukoll il-kriterju tat-traffiku bl-ajru u marittimu ta' persuni u merkanzija jridu jitqiesu aktar fit-tqassim imsemmi; min-naħa l-oħra l-proporzjonalità inversa tal-PDG u l-infrastruttura kritika ma għandhomx ikollhom l-inflwenza prevista fit-test approvat mill-Kummissjoni Ewropea.